**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 526/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**-Vs-**

**VANESSA CUMBO**

**Illum, 24 ta’ Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta’ **VANESSA CUMBO** ta' 37 sena, bint Grazio Mifsud u Josephine nee’ Scicluna, mwielda Pieta nhar il-5 ta’ Frar 1986, resident gewwa Sez C B/H 79, il- Bajja ta’ San Tumas Marsaskala u detentrici tal-karta tal-identita numru 100686M, akkużata talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u Ġunju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni wahda;

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wieħed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn waħda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament għamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju għalik iinifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji, sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet oħra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta’ Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b’qerq ta’aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

8. U aktar talli kellek fil pussess ta’ jew kellek that il-kontroll tieghak xi oggetti ghal uzu fit-twettiq jew f’konnessjoni ma xi frodi;

   Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta sejbien ta’ ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

Rat illi George Cremona in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali deher quddiemha u talab illi l-istess Dipartiment jiġi ammess fil-proċeduri bħala l-parti offiża;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta’ Awwissu 2023 fejn laqgħet it-talba u ammettiet lid-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali fil-proċeduri bħala l-parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li hija ħatja tal-akkużi kollha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, u wara illi kkonċedietilha ħin biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ ħtija u sabiex terga’ tikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatilha n-natura u s-serjeta` tal-reati li tinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semgħet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw illi l-ammont meħud mill-imputata għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huwa ta' €20,927.44 u jaqblu illi l-imputata diġa' ħallset lura qabel illum is-somma ta' €1,500[1];

Semgħet lill-parti offiża tiddikjara li hija disposta taċċetta li l-imputata tħallas lura l-ammont bilanċjali permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' €60 kull wieħed;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li mhijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda tinstab ħatja tagħhom l-imputata u l-ammont sostanzjali li nkiseb mill-imputata b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li qed tinstab ħatja dwarhom. Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputata, il-fatt li jidher li hemm retroxxena ta' problemi soċjali kif ukoll il-fatt illi hija ammettiet il-ħtija tagħha fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri. Fuq kollox, il-fatt illi l-imputata hija disposta li tħallas lura l-ammont kollu minnha perċepit illegalment għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, tant illi ntlaħaq qbil bejn il-partijiet fir-rigward[2]. Il-Qorti żammet ferm ukoll li matul is-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-

[1] Ara kopja ta' riċevuta datata 8 ta' Awwissu 2023.
[2] Ara skambju ta' emails, esebit fl-atti proċesswali, kif ukoll dikjarazzjoni reġistrata fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2023.

imputata ikko-operat mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tagħha u mhux qiegħda tinsisti fuq piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tal-att u l-użu tiegħu mill-imputata, ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167 u 183 kif ukoll l-artikolu 188 tal-Kap. 9 - ċioe' li għamlet dikjarazzjoni falza jew tat tagħrif falz lil awtorità pubblika. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9, kif ukoll ir-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Iżda huwa wkoll evidenti fil-fehma tal-Qorti illi l-imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, il-frodi innominata, ingħatat bħala alternattiva għar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u l-istess alternattivita' teżisti bejn l-ewwel/it-tieni imputazzjonijiet u it-tielet/ir-raba' imputazzjonijiet, kif del resto ġie affermat mill-Prosekuzzjoni b'dikjarazzjoni reġistratat fl-atti fl-24 ta' Awwissu 2023. Għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni kif ukoll tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Dan magħdud il-fatt illi uħud mir-reati addebitati lill-imputata evidentement twettqu bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni ta' reati oħrajn li jinsab mixli bihom. Hekk per eżempju, ir-reat fl-ewwel imputazzjoni twettaq bħala mezz għall-fini għall-kommissjoni tar-reat fit-tieni imputazzjoni, u l-istess ir-reat fit-tielet imputazzjoni, li ġie kommess bħala mezz għall-fini tat-twettiq tar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni. Fl-istess waqt, il-Qorti fehmet ukoll – anke fin-nuqqas ta' prova kuntrarja fl-atti proċesswali – li r-reati kommessi bl-użu tad-dokument iffalsifikat twettqu sewwasew bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi u r-reat taħt l-artikolu 310BA tal-Kap. 9.

Dan kollu magħħdud ifisser li jsibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputata ammettiet il-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 309 li bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi, biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9.

Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina fejn ġie reġistrat fl-atti l-ftehim raġġunt bejn il-partijiet għar-radd lura bin-nifs tal-ammont akkwistat mill-imputata għad-detriment tal-parti offiża, ma għandhiex tinkludi fl-ordni ta' sentenza sospiża taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9, direttiva għar-restituzzjoni tal-ammont akkwistat għad-detriment tal-parti offiża taħt l-artikolu 28H tal-Kap. 9, u dan minħabba l-konsegwenzi tassattivi tan-nuqqas tal-ħatja li tikkonforma ruħha mad-direttiva bħal din f'massimu ta' sitt xhur biss, fejn is-sentenza sospiża ta' priġunerija tista' tibda sseħħ[3]. F'kull każ, il-Qorti għandha diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk għandhiex tinkludi direttiva għar-restituzzjoni taħt l-artikolu 28H tal-Kap. 9 fl-ordni ta' sentenza sospiża, jew le, u fil-każ li għandha quddiemha llum, fejn il-partijiet innegozjaw u ftiehmu dwar il-modalitajiet tar-restituzzjoni u l-imputata għandha s-serħan tal-moħħ illi d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali aċċettat ħlas bin-nifs fuq perijodu li teċċedi dak ta' sitt xhur maħsub fl-artikolu 28H tal-Kap. 9, ma tqisx li tkun qiegħda tagħmel ġustizzja jekk tinkudi direttiva taħt dan l-artikolu.

Il-Qorti semgħet lid-difiza u l-parti offiza jirreġistraw il-qbil tagħhom fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2023 illi l-ammont bilanċjali dovut lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali sejjer jitħallas lura permezz ta' pagamenti mensili ta' €60 kull wieħed. Għaldaqstant, b'żieda mal-piena, il-Qorti sejra tordna lill-imputata għall-ħlas tad-danni ossia

[3] Artikolu 28H(6) tal-Kap. 9.

kumpens bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 532A tal-Kap. 9 (li jagħmel referenza għall-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kap. 446), f'dak iż-żmien u taħt dawk il-modalitajiet ta' ħlas kif maqbula bejn il-partijiet.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet stante illi dawn ingħataw bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni stante li din ingħatat bħala alternattiva għas-sitt imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 188, 190, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil VANESSA CUMBO ħatja fuq ammissjoni tagħha stess, tal-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet u tikkundannaha sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil VANESSA CUMBO tħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' dsatax-il elf erba' mija u sebgħa u għoxrin Euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€19,427.44) rappreżentanti d-danni soffert mill-**

**istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, liema ħlas għandu jsir bin-nifs skont kif miftiehem bejn il-partijiet.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**